MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2015

Citazzjoni Numru. 88/2014

**A B ID Numru f'isimha proprio u b'digriet tas-27 ta' Novembru 2014 giet mahtura bhala kuratrici ad litem ta' uliedha l-minuri WY B u S Y B**

**vs**

**C Farrugia u Z Y**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi fl-4 ta' Dicembru tas-sena 2012, l-attrici welldet tifel minuri bl-isem WY B u dan kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 2355/2013 hawn anness u markat Dok A;
2. Illi fit-2 ta' Frar tas-sena 2014, l-attrici welldet tifel minuri iehor bl-isem ta' S Y B u dan kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 1608/2014 hawn anness u markat Dok B;
3. Illi mill-atti tat-twelid taz-zewg minuri jirrizulta illi l-attrici A B hija omm dawn iz-zewg minuri u fil-kolonna intestata 'isem u kunjom', il-konvenut Z Y gie registrat bhala missier iz-zewg minuri;
4. Illi l-attrici A B u l-konvenut Z Y izzewgu f'Damasku is-Sirja fil-11 ta' Jannar tas-sena 2005, liema zwieg gie debitament registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru progessiv 1484/2005, hawn anness u mmarkat bhala Dok C;
5. Illi ghalkemm fil-mument tat-twelid u tal-koncepiment taz-zewg minuri, l-attrici A B u l-konvenut Z Y kienu mizzewgin, pero' l-istess attrici sa mis-sena 2008 ma kienitx tghix ma zewgha l-konvenut ghal ragunijiet serji;
6. Illi sa mix-xahar ta' Jannar 2011 l-attrici kellha relazzjonijiet intimi mal-konvenut l-iehor C Farrugia u ma hadd izjed;
7. Illi l-minuri WY B u S Y B mhumiex l-ulied naturali tal-konvenut Z Y kif jirrizulta mill-annessi testijiet tad-DNA (immarkati bhala Dok D u E rispettivament) izda huma ulied C Farrugia li mieghu l-attrici kellha relazzjoni fiz-zmien tal-koncepiment;
8. Illi ghalkemm fic-certifikat tat-twelid tal-minuri Wu S gie dikjarat illi missier il-minuri huwa l-konvenut Z Y, fil-fatt il-minuri gew koncepiti fil-kors ta' relazzjonijiet extra-maritali li l-attrici kellha mal-konvenut C Farrugia;

Talbet ghar-ragunijiet premessi li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u moghtija l-provvedimenti opportuni:

1. Tiddikjara illi l-konvenut C Farrugia huwa l-missier naturali ta' Wu mhux il-konvenut l-iehor Z Y;
2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel il-korrezzjoni opportuna fic-certifikat tat-twelid tal-minuri W(Att numru 2355/2013) billi fil-kolonna intestata 'isem u kunjom missier it-tifel', jigi kancellat l-isem Z Y, u jigi sostitwit bl-isem <u>C Farrugia</u>; u tordna wkoll illi l-partikolaritajiet relattivi ghad-dokument ta' l-identita',

ghall-eta', ghall-post tat-twelid u ta' residenza, u ghall-isem u kunjom il-missier jekk hux haj jew mejjet, in kwantu jirreferu ghal missier il-minuri, jigu korretti konsegwentement billi jigu sostitwiti b'dawk il-partikolaritajiet u cioe' taht il-kolonna 'id-dokument ta' l-identita', jigi jaqra 296888(M); taht il-kolonna' 'eta' jigi jaqra 24; taht il-kolonna 'twieled' tigi taqra Pieta'; taht il-kolonna 'residenza' jigi jaqra Zabbar, Malta; u taht il-kolonna 'isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet' jigi jaqra 'George Farrugia' 'haj';

3. Tiddikjara illi l-konvenut C Farrugia huwa l-missier naturali ta' S u mhux il-konvenut l-iehor Z Y;
4. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel il-korrezzjoni opportuna fic-certifikat tat-twelid tal-minuri S (Att numru 1608/2014) billi fil-kolonna intestata 'isem u kunjom missier it-tifel', jigi kancellat l-isem Z Y, u jigi sostitwit bl-isem C Farrugia; u tordna wkoll illi l-partikolaritjiet relattivi ghad-dokument ta' l-identita', ghall-eta', ghall-post tat-twelid u ta' residenza, u ghall-isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet, in kwantu jirreferu ghal missier il-minuri, jigu korretti konsegwentement billi jigu sostitwiti b'dawk il-partikolaritajiet u cioe' taht il-kolonna 'id-dokument ta' l-identita' jigi jaqra 296888 (M); taht il-kolonna 'eta' jigi jaqra 26; taht il-kolonna 'twieled' tigi taqra Pieta'; taht il-kolonna 'residenza' jigi jaqra Zabbar, Malta; u taht il-kolonna 'isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet' jigi jaqra 'George Farrugia', 'haj';

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li jibqghu ingunti minn issa ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat in-nota tal-konvenut C Farrugiaipprezentata fil-11 ta' Awissu 2014 li permezz taghha ammetta it-talbiet;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-qorti ghandha quddiemha talba relatata mal-paternita' tal-minuri Wu S ahwa Y B *stante* li l-attrici tikkontendi li minkejja li l-minuri, li twieldu nhar l-4 ta' Dicembru 2012 u t-2 ta' Frar 2014 rispettivament, twieldu fiz-zwieg, minhabba l-presunzjonijiet legali naxxenti mill-ligi, l-istess minuri gew imnizzla bhala l-ulied naturali tal-intimat Z Y. Izda l-istess minuri m'humiex ulied l-intimat Z Y, izda l-ulied naturali tal-intimat l-iehor C Farrugia. Ghalhekk permezz ta' din il-kawza, l-attrici qieghda titlob lil din il-qorti sabiex tiddikjara li Z Y m'huwiex il-missier naturali tal-istess minuri u sabiex sussegwentement isiru l-korrezzjonijiet necessarji fic-certifikat tal-minuri billi l-konnotati ta' Z Y jigu kancellati minn fuq ic-certifikat tal-minuri u jigu sostitwiti bil-konnotati relattivi ghall-intimat l-iehor C Farrugia.

Min-naha tieghu, l-intimat C Farrugia jammetti t-talbiet.

**<u>Il-Mertu tal-Kaz</u>**

Ir-rikorrenti tiddikjara[1] li minkejja li l-minuri twieldu fiz-zwieg bejnha u bejn l-intimat Z Y, l-istess minuri mhumiex il-wild naturali ta' zewgha izda tal-intimat l-iehor C Farrugia, *stante* li mis-sena 2008 ma baqghetx tghix ma' zewgha ghalkemm baqghu qatt ma sseparaw legalment. Tghid ukoll li minn Jannar 2011 ma kellha relazzjonijiet intimi ma' hadd hlief l-intimat C Farrugia. L-intimat Farrugia wkoll jaqbel li l-minuri huma wliedu, b'dan li jiddikjara li kien prezenti wkoll ghat-twelid taghhom u li ghalhekk jixtieq li c-certifikati tat-twelid taghhom jirriflettu l-veru missierhom.

[1] Ara l-affidavit taghha esebit a fol 27 tal-process

Illi il-qorti f'dan l-istadju taghmel referenza ghall-fatt li f'din il-kawza, d-Direttur tar-Registru Pubbliku ma giex kjamat fil-kawza jew kien parti mill-istess kif normalment isir. Pero' l-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Dolores Bartolo vs Simon Bartolo** deciza nhar it-22 ta' Frar 2012 fejn il-qorti, hekk kif diversament preseduta accettat u laqghat it-talbiet attrici ghal bdil fic-certifikat tat-twelid minghajr ma gie kjamat in kawza jew imsejjah id-Direttur tar-Registru Pubbliku. L-istess haga jista' jinghad ghall-kawza fl-ismijiet **Adelaide Attard vs Joseph Attard** deciza nhar it-8 ta' Mejju 2012 fejn ghal darb'ohra, f'kawza ta' paternita', id-Direttur tar-Registru Pubbliku ma giex kjamat fil-kawza u ma giex imharrek sabiex jirrispondi ghall-istess. Il-qorti tirrileva li huwa minnu li hija prassi li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi mharrek f'kawzi ta' paternita', pero' mill-qari tal-ligi jidher li dan mhux necessarju. Ghalhekk, il-kawza odjerna tista' tibqa' ghaddejja, b'dan illi meta jkun hemm sentenza li tkun ghaddiet *in judicat,* issir l-annotazzjoni necessarja sabiex ikun hemm bdil fic-certifikat relattiv b'mod formali.

Il-Qorti tirrileva wkoll li mill-provi jirrizulta li l-attrici, l-minuri u l-intimat C Farrugia ssottomettew ruhhom ghat-testijiet genetici, liema testijiet huma meqjusa li huma l-prova regina fi kwistjonijiet ta' paternita'. L-istess testijiet xjentifici[2] ma jhallu ebda ombra ta' dubju dwar il-fatt li C Farrugia huwa fil-fatt il-missier naturali tal-minuri u mhux Z Y.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

(1) Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-intimat C Farrugia huwa l-missier naturali tal-minuri Wu mhux l-intimat Z Y;
(2) Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel il-korrezzjonijiet opportuni fic-certifikat tat-twelid tal-minuri W(Att numru 2355/2013) billi fil-kolonna intestata 'isem u kunjom missier it-tifel, jigi kancellat l-isem ta' Z Y u jigi sostitwit bl-isem ta' C Farrugia, bil-karta tal-identita' numru 296888M, b'dan li l-eta' għandha tiġi taqra 24, mwieled Pieta', ir-residenza indikata għandha tkun Żabbar Malta u

[2] Ara a fol 8 - 11 tal-process

‘isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet’ tigi taqra George Farrugia (haj);

(3) Tilqa’ t-tielet talba u tiddikjara li l-intimat C Farrugia huwa l-missier naturali tal-minuri S u mhux l-intimat Z Y;

(4) Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel il-korrezzjonijiet opportuni fic-certifikat tat-twelid tal-minuri S (Att numru 1608/2014) billi fil-kolonna intestata ‘isem u kunjom missier it-tarbija’, jigi kancellat l-isem ta’ Z Y u jigi sostitwit bl-isem ta’ C Farrugia, bil-karta tal-identita’ numru 296888M, b’dan li l-eta’ għandha tiġi taqra 24, mwieled Pieta’, ir-residenza indikata għandha tkun Żabbar Malta u ‘isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet’ tigi taqra George Farrugia (haj).

Bl-ispejjez jinqasmu b’mod ugwali bejn l-attrici u l-intimat C Farrugia .

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------